MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 956/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**JOSEPH MUKAN ASAH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Mukan Asah ta' 33 sena, ta' nazzjonalita Cameroon, iben Thomas Nkwenti u Rosarin Ngelor, imwieled Bamedna il-Carmeroon fil-25 ta' Mejju 1979 u bla residenza fissa Malta. Detentur ta' Passaport mahrug mill-Cameroon bin-numru 571839;

Gie akkuzat talli, fit-22 ta' Settembru 2012 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, assocja ruhhu ma xi persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (frodi ai terminu tal-artikoli 308 u 309) li ghalih hemm il-peina ta' prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-istampa u dan ai terminu ta' l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tar-Rinviju datata 6 ta' Dicembru, 2012 u nnutat li l-imputat m’ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu jikkonferma dak minnu ddikjarat fis-Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012, u cioe li hu hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti regghet wissiet bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u tatu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 48A, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Mukan Asah, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-

imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Mukan Asah ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Joseph Mukan Asah jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Mukan Asah l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------